**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Hubert Cini]**

**vs**

**Spiridione Costa k/a Spiridione Tanti Costa**

**Kumpilazzjoni Numru: 63/15**

**Illum, 20 ta' Gunju, 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Spiridione Costa K/A Spiridione Tanti Costa detentur tal-karta tal-identita` numru 102365(M).

Akkuzat talli:

1) Fit-18 ta' Jannar 2015, gewwa Triq Mater Boni Consilii Paola Malta ghall-habta ta 13:40 hrs bil hsieb li jisraq minn djar bin-numru 26 u 24 La Vallette, Triq Mater Boni Consilii, Paola, wera dan il- hsieb b'atti esterni u jaghti gie esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu u dan bi ksur tal-Artikli 41 (1), 263, 269 tal- Kodici Kriminali tal-Kap 9;

2) Talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi bhala persuna kkundannat f'Malta ghal serq jew ghal ricettazjoni instab fil-pussess ta' oggetti ohra li ma kienux tal-kundizjoni tieghu, minghajr ma ta kont sodisfacenti ta' kif ikunu gew legittimament ghandu kif ukoll instabu ghandu imfietah imqabblin jew iffalsifikati jew ghidod ohra tajbin ghal ftuh jew sgassar ta' serraturi jew jinsabu ghandu forom ta' serraturi minghajr ma ta kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu jinsabu ghandu fdak iz-zmien u dan bi ksur tal-Artikli 287 tal- Kodici Kriminali tal- Kap 9

3) Talli fl-istess dati hinijiet lok u cirkostanzi dahal fid-djar bin numru 26 u 24 La Vallette Triq Mater Boni Consilii Paola jew lok iehor jew recint b'wiehed mill-mezzi msemmijin fl-Artikoli 265 264 266 ghalkemm ma jkun hemm ebda prova ta' att li jikkostitwixxi attentat ta' reat iehor ghal fatt biss tad-dhul hawn fuq u imsemmi meta mic-cirkostanzi kien jidher li l-hsieb tal-hati kien li jaghmel serq jew hsara lill-proprjeta` jew xi reat kontra l-persuna kif definit fl-Artiklu 5 (1) (d) inkella meta kien ga gie kkundannat ghal xi reat minn dawn jew ghal wahda mill kontravenzjonijiet imsemmijin fl-Artikli 338(i) u (w), dan bi ksur tal Artiklu 330 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta;

4) Talli fl-istess dati hinijiet, lok u cirkostanzi fil-fond numru 24 La Vallette Triq Mater Boni Consilii, Paola, b mezzi xort'ohra minn dawk imsemmijin fl-artikli ta' qabel ta dan is-sub titolu volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg ta' Clive Carabott mobbli jew immobbli billi kissirlu tieqa ghal dannu ta' aktar minn €230 dan bi ksur tal Artiklu 325(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5) Talli fl-istess dati, hinijiet lok u cirkostanzi, xjentement xtara jew laqa' ghandek hwejjeg misruqa mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan isir Malta jew Barra minn Malta jew xjentement b'kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom, dan bi ksur tal Artiklu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6) Talli fl-istess dati hinijiet lok u cirkostanzi salvi d-disposizzjonijiet tal-Artiklu 8 garrejt 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellu licenza jew permess minghand il- Kummissarju dan bi ksur tal Artiklu 6 tal-Kap 48, l-Att dwar l-Armi.

Rat it-talba tal-proseiuzzjoni f'kaz ta htija titratta lill imputat bhala li sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi saru defenittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali fejn ta l-kunsens fejn dawn il-proceduri setghu jigu trattati minn din il-Qorti bhala wahda ta' Gudikatura Kriminali;

Semghet ix-xhieda kollha u t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat illi din hija kawza fejn l-imputat allegatament dahal gewwa proprjeta` go Paola nhar it-tmintax (18) ta' Jannar 2015 bil-hsieb li jisraq u meta gie mwaqqaf mill-pulizija ma tax rendikont tal-oggetti li kellu fil-pussess tieghu u dan stante li kien gie kkundannat qabel b'reati ta' serq. Huwa gie akkuzat ukoll b'ricediva.

Ikkunsidrat illi a rigward tar-reat ta' tentattiv ta' serq l-imputat xehed fi stadju provi difiza illi huwa dahal fil-proprjetajiet 24 u 26, Triq Mater Boni Consilii, Paola stante illi huwa kien bla dar u ghalhekk dahal hemm sabiex joqghod hemm. Illi mix-xhieda prodotti jirrizulta illi l-fond 26 kien ilu abbandunat ghal snin twal stante li l-persuna li kienet toqghod hemm mietet u ghalhekk il-werrieta ghalqu din il-proprjeta` b'katnazz. Illi a rigward il-fond 24, La Vallette, xehed **Clyde Carabott** fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Jannar 2015 fejn dan xehed illi mill-propjeta` tieghu ma naqaslu xejn u hu kien ilu li telaq mid-dar xi ghaxar (10) minuti qabel li cemplulu l-pulizija.

Illi mix-xhieda tal-ufficjali tal-pulizija senjatament **WPS 167 Justine Grech** datata sitta u ghoxrin (26) ta' Jannar 2015, hareg illi kienet saret telefonata ta' sgass fil-fond tmienja u ghoxrin (28) Triq Mater Consilii u meta marret fuq il-post hija nnutat illi l-bieb bin-numru sitta u ghoxrin (26) kien imbexxaq. Dahlu go din il-proprjeta` u wara ftit irrizulta li l-imputat hareg mill-fond adjacenti u cioe` numru erbgha u ghoxrin (24). Minn hemmhekk gie arrestat. Is-surgent tkompli tghid hekk:

> ***"Ma' sid il-post li kien jismu La Vallette gie stabbilit li ma kien ittiehed xejn just li kien hemm dik it-tieqa li kienet imkissra u nfurmajtu lil Spiridione Costa li kien jinsab taht arrest u hadtu ghand l-Ispettur Hubert Cini biex isiru iktar investigazzjonijiet min-naha tieghu. Fuq il-persuna ta' Costa sibna lieva, kellu qisha cavetta ta' BMW fejn hu qalli li dik ma kienitx cavetta izda kienet recorder, kien hemm ukoll GPS zghir tal-marka Garmin, kien hemm basket zghir iswed li ma fittixtx jien go fih pero` qalli biex niehu hsieb ghax kien hemm xi haga tniggez fih u dak li kien hemm li sibna fuqu."***

Illi minn dan kollu, ghalkemm johrog car illi ma ttiehed xejn mill-ebda propejeta`, il-Qorti ma tistax temmen it-tezi tad-difiza li l-imputat dahal hemm biex isib x'imkien fejn joqghod. Illi li kieku ried jaghmel huwa kien joqghod gol-proprjeta` abbandunata u mhux jidhol ukoll go proprjetajiet ohra li kienu jghixu fihom in-nies. Fattur kontra t-tezi tad-difiza huwa l-fatt illi l-fond 26 kellu djar ohra abitati hdejh u certament kienu ser jinnutaw lill-imputat diehel u hiereg u dan il-fatt ma jaghmilx l-istorja tal-imputat fattibbli.

Illi l-pjan tal-imputat li jidhol biex jisraq ma sehhx ghaliex il-pulizija kienu tant tempestivi illi marru fuq il-post malajr u fejn l-imputat ma kellux ic-cans sabiex iwettaq il-pjan tieghu.

Illi a rigward l-akkuza taht l-artikolu 287 tal-Kapitolu 9 dan jghid hekk:

> ***"Kull min, wara li jkun ġie kkundannat f'Malta għal serq, jew għal riċettazzjoni, jinsab fil-pussess ta' frottijiet, xtieli, jew prodotti oħra tar-raba' jew tal-ġonna, jew ta' flus, jew ta' oġġetti oħra, li ma jkunux tal-kondizzjoni tiegħu, mingħajr ma jagħti kont sodisfaċenti ta' kif ikunu ġew leġittimament għandu; inkella jinsabu għandu mfietaħ, imqabblin jew iffalsifikati, jew għodod oħra tajbin għal ftuħ***

***jew sgassar ta' serraturi, jew jinsabu għandu forom ta' serraturi, mingħajr ma jagħti kont sodisfaċenti għal liema skop leġittimu jinsabu għandu f'dak iż-żmien, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux aktar minn tliet xhur."***

Illi dan l-Artikolu jistabbilixxi tliet kriterji fundamentali, (i) dik li l-akkuzat jinstab fost ohrajn b'oggetti jew ghodod tajbin ghal ftuh ta' serraturi; (ii) dik li l-akkuzat ikun gie kkundannat qabel ghar-reat ta' serq jew ricettazzjoni; u li (iii) ma jaghtix kont sodisfacjenti taghhom meta jinqabad.

Illi huwa fatt illi l-imputat instab fil-pussess tieghu fost ohrajn ta' lieva li hija l-oggett sintomatiku mal-ftuh ta' serraturi. Illi huwa fatt ukoll illi l-imputat ma tax kont sodisfacjenti tal-pussess ta' din il-lieva. Fil-fatt fl-istqarrija tal-imputat, ma ta l-ebda rendikont sodisfacjenti meta gie mistoqsi mill-Ispettur Cini is-segwenti:

"***M. Ghalfejn kellek il-lieva mela?***

***T. Ma kelliex lieva, dik hadida li sibtha hemm gewwa stess.***

***M. Ghalfejn mela sibna tieqa tad-dar ta' hdejn dik li dhalt fiha bit-tieqa mkissra?***

***T. Ma kienx hemm twieqi imkissrin, miftuha kienet.***

***M. Jekk nghidlek illi d-dar ta' hdejn dik li dhalt fiha kellha it-tieqa illevata xi tghid?***

***T. Ma nwegibx."***

Illi a rigward precedenti akkuzi fuq serq jew ricetazzjoni, m'hemmx dubju mis-sentenzi esebiti mill-prosekuzzjoni kif ukoll mill-fedina penali estensiva tal-

imputat li tinsab fl-atti a fol 9 tal-process illi l-imputat kien gie precedentement instab hati ta' serq f'diversi okkazzjonijiet. Illi ghalhekk din l-akkuza ukoll giet ippruvata.

Illi a rigward tal-akkuza taht l-Artikolu 330 tal-Kapitolu 9, dan il-fatt tad-dhul ta' propjetajiet gie ammess mill-istess akkuzat meta qal li dahal hemm sabiex jorqod fiha.

Illi a rigward tal-hsara volontarja fil-proprjeta` ta' Clyde Carabott jinghad illi mix-xhieda tal-istess hareg il-hsara fuq tieqa li kienet giet illevata izda qatt ma ngabet il-prova tal-ammont u ghalhekk il-Qorti ma tistax issib htija fuq din l-akkuza.

Illi l-akkuza taht il-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta li jirreferi ghal armi misjuba fil-pussess tal-akkuzat jinghad illi dan instab fil-pussess fost ohrajn ta' *pen knife* li x-xafra taghha kienet twila xi ghaxar (10) centimetri u li kienet giet esebita fl-atti (Dok HC1), u ghalhekk dan jissodisfa il-kriterju tal-Artikolu 6 ta' dan l-Att li jghid is-segwenti:

> ***" Salvi d-disposizzjonijiet tal-artikolu 8 ħadd ma għandu jġorr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma jkollu liċenza jew permess mingħand il-Kummissarju."***

Illi mbaghad is-subinciz 7 tal-Artikolu 51 tal-istess Att jghid is-segwenti:

***"Kull min jikser l-artikolu 6 jew 21 ikun ħati ta' reat u jista', meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47)."***

Illi l-imputat stess fix-xhieda tieghu ammetta li kellu fil-pussess tieghu dan il-mus u jghid li kien juzah ghad-droga u ghalhekk certament ma kellux l-ebda licenzja fuqu. Illi anke din l-akkuza ghalhekk giet ippruvata.

A rigward l-addebitu tar-recidiva l-prosekuzzjoni esebixxa serje ta' sentenzi li kollha jikkonfermaw dan l-addebitu u dawn huma:

- **Ir-Repubblika ta' Malta v. Spiridione Tanti sive Tanti Costa (App Krim deciz 12/04/1991)**
- **Il-Pulizija v. Spiridione Tanti Costa (App Krim deciz 18/08/2005)**
- **Il-Pulizija v. Spiridione Tanti Costa (Qorti Magistrati deciza 23/01/2012)**
- **Il-Pulizija v. Spiridione Tanti Costa (Qorti Magistrati deciza 19/05/2010)**
- **Il-Pulizija v. Spiridione Tanti Costa (Qorti Magistrati deciza 13/11/2011)**
- **Il-Pulizija v. Spiridione Tanti (Qorti App Krim deciz 15/09/1999)**
- **Il-Pulizija v. Spiridione Tanti Costa (Qorti Magistrati deciza 5/04/2005).**

Illi ghalhekk l-addebitu tar-recidiva giet ippruvata.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 49, 50, 41(1), 263, 269, 287 (1) u (2), 330, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 6 u 51 tal-Kapitoli 480 tal-

Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat Spiridione Tanti Costa hati tal-akkuzi kollha hlief l-akkuza erbgha (4) ta' hsara volontarja u l-akkuza hamsa (5) dik ta' ricettazzjoni ghaliex hija alternattiva ghall-akkuza numru tlieta (3) u stante li l-imputat huwa recidiv qed tikkundannah ghal piena ta' prigunerija effettiva ghal zmien tmintax (18) il-xahar flimkien ma' multa ta' mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (EUR 116.47). Il-Qorti tordna wkoll il-konfiska u distruzzjoni tal-oggetti kkonfiskati taht l-Att 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**